

Brussell, 10 ta' April 2024  
(OR. en)

8450/2/24  
REV 2

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0131(COD)**

---

---

**CODEC 968**  
**JAI 560**  
**MIGR 150**  
**ASIM 33**  
**SOC 246**  
**EMPL 146**  
**EDUC 108**

### **NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (riformulazzjoni) <b>(l-ewwel qari)</b> - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

---

1. Fit-28 ta' April 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta<sup>1</sup> tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 79(2), il-punti (a) u (b) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' Ottubru 2022<sup>2</sup>.
3. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fit-30 ta' Novembru 2022<sup>3</sup>.
4. Fit-13 ta' Marzu 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill<sup>4</sup>.

---

<sup>1</sup> 8580/22 + ADD1 sa ADD4.

<sup>2</sup> ĠU C 75, 28.2.2023, p. 136.

<sup>3</sup> ĠU C 79, 2.3.2023, p. 59.

<sup>4</sup> 7508/24.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill<sup>56</sup> japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 93/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Ungerija u l-Finlandja jivvotaw kontra u r-Repubblika Ċeka, l-Estonja, u l-Kroazja jastjenu.
6. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum ta' din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

<sup>5</sup> F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qiegħda tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

<sup>6</sup> F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.